KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Tnejn u Erbgħin (42)***

***It-Tnejn, 20 ta' Diċembru , 2021***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-laqgħa tal-Kunsill fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm) b'mod virtwali fuq qbil unanimu mill-membri tal-Kunsill kollha.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| IL-VICI SINDKU | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | ANDREAS GATT |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

## 42.1 Qari ta' l-ittri tal-apoloġiji

42.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta' apoloġiji.

## 42.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

42.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq għall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 40 li nżammet nhar it-Tlieta, 23 ta' Novembru, 2021.

42.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 40 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

42.2.3 **Mozzjoni 42-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 40.

Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius
Sekondant: Il-Kunsillier Andreas Gatt

Il-Minuti Numru 40 ġew approvati unanimament.

42.2.4 Is-Sindku Darren Abela ressaq għall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 41 li kellha tinżamm nhar it-Tlieta, 14 ta' Diċembru, 2021.

42.2.5 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 41 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

42.2.6 **Mozzjoni 42-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 41.

Proponent: Il-Vici Sindku Christine Dalli
Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

Il-Minuti Numru 41 ġew approvati unanimament.

## 42.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

### *A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 42 (08) – Diċembru 2021*

42.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 42(08) permezz cheque numru 7182 (ref. 10185) sa 7184 (ref. 10187) kif ukoll permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 10176 sa 10210 li jammontaw €21,875.08

42.3.2 Tressaq ukoll pagament għall-ikel tal-qtates mingħand żewġ *pet shops* differenti sabiex ikollna varjazzjoni ta’ 4 ditti differenti ta’ ikel. Dawn il-ħlasijiet se jkunu parti mill-proġett LC care u li dawn għandhom jitħallsu sa l-aħħar ta’ Diċembru. L-ispiża hija ta’ €1546 u €1155 rispettivament. Dwar dan il-Kunsill qabel.

42.3.3 **Mozzjoni 42-03**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta’ l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 42(08) bl-ammont ta' €21,875.08 u magħhom jiżdied l-ammont imsemmi f’materja 42.3.2

Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius

Sekondant: Il-Kunsillier Andreas Gatt

L-iSkeda ta’ Pagamenti Numru 42(08) ġiet approvata unanimament.

**42.4 <u>Approvazzjoni tar-Rapport tat-Tielet Kwart tas-sena 2021 – Jannar-Settembru 2021</u>**

*F’dan l-istadju tal-laqgħa attenda l-Accountant tal-Kunsill virtwalment permezz ta’ zoom.*

42.4.1 L-Accountant tal-Kunsill taha spjegazzjoni tal-figuri li hemm imniżżla fir-Rapport tat-Tielet Kwart tas-Sena minn Jannar sa Settembru 2021.

42.4.2 **Mozzjoni 42-04**: Wara diskussjoni qasira, is-Sindku Darren Abela ressaq mozzjoni għall-approvazzjoni tar-Rapport tat-Tielet Kwart tas-Sena.

Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech

Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

Ir-Rapport tat-Tielet Kwart tas-sena Jannar-Settembru 2021 ġie approvat unanimament.

**42.5 <u>Diskussjoni dwar Tender GHLC/T/02/2021 : Tender for the Professional Services of an Architect</u>**

42.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li fit-tender intalab diversi xogħlijiet li l-Kunsill ikollu bżonn b’mod ġenerali. Għaldaqstant il-Kunsill ingħata parir biex jimxi ma l-orħos offerta li tinkludi ir-rati kollha totali.

42.5.2 Il-Kunsillier Keith Fenech sostna li l-Kunsill għandu jevalwa r-rati waħda waħda qabel ikun f’pożizzjoni li jiddeċiedi liema offerta hija l-iktar vantaġġjuża. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li se tibgħat ir-rati kollha tat-tenders b’email biex sal-laqgħa li jmiss inkunu nistgħu nieħdu deċiżjoni.

42.5.3 Is-Sindku Darren Abela qal li rigward il-proġett ta’ Santu Rokku, il-Kunsill għandu jkellem lill-Perit li għandna bħalissa biex jara jekk hux se jkompli l-proġett hu minħabba li bdieh hu, iżda s-Sindku ppropona li jingħata *deadline* sabiex jipprovdilna d-dokumenti kollha li qed jitolbu mill-PA dwar id-Development Planning Fund.

**42.6 Korrispondenza**

42.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill huwa obbligat li jagħmel laqgħa pubblika fejn jippreżenta l-Estimi Annwali tas-Sena 2022. Il-Kunsill qabel li l-Laqgħa Pubblika ssir qabel il-Laqgħa tal-Kunsill li jmiss f' Jannar 2022.

42.6.2 Tressqet korrispondenza dwar l-installazzjoni tac-Charging Pillars fil-lokal tagħna. S'issa twaħħlet waħda fi Triq J.Gravina. Il-Kunsill kien propona li t-tnejn l-oħra jiġu fi Triq il-Barbazzal u Triq Napuljun Caruana Dingli. Il-Kunsill qabel li minflok Triq Napuljun Caruana Dingli ssir fi Triq id-Dejl.

42.6.3 Tressqet korrispondenza mingħand iż-żewġ impjegati tal-Kunsill fejn talbu li jġeddu disat ijiet u sitt ijiem *leave* rispettivament . Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

**42.7 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

42.7.1 Is-Sindku Darren Abela qal li avviċinatu persuna li għandha xi kaxxi tal-ikel biex itihom lil nies fil-bzonn. Is-Sindku qal li se jkellem l-Kappillan biex jekk jaf xi familji fil-bżonn jibbenefikaw minnhom.

42.7.2 Is-Sindku Darren Abela staqsa jekk il-ġbir ta' skart fil-Milied u fl-Ewwel tas-sena hux se jsir minħabba li l-kuntrattur huwa eżentat li jiġbor f'dawk il-ġranet. Il-Kunsill qabel li jingħata kwotazzjoni.

42.7.3 Is-Sindku Darren Abela qal li se jiltaqa' mal-kuntrattur li qed jagħmel il-proġett tal-*Boutique hotel* fejn qed jipproponu li jagħmlu disinn tal-Pjazza biex isir il-proġett. Is-Sindku qal li wara se jressaq din il-proposta fil-Kunsill.

42.7.4 Is-Sindku Darren Abela qal li fi Triq Atanasio kantuniera ma' Triq Antonio Abdilla talbuna biex tingħalaq bil-bollard minħabba li hemmhekk ma tistax tgħaddi karozza. Il-Kunsill qabel li jara kemm hi wiesa' t-triq u nqabbluha ma Triq il-Kunċizzjoni.

42.7.5 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex isir *Bus shelter* temporanju fi Triq il-Bizzilla sakemm tissolva l-kwistjoni li hemm pendenti dwarha. Il-Kunsill ma qabilx li jsir wieħed temporanju iżda qabel li ninfurmaw l-AKL dwar il-kwistjoni.

42.7.6 Is-Sindku Darren Abela ppropona li fi Triq Dun Guzepp Naudi jinbidlu l-ispralli u jsiru tal-ħadid. Il-Kunsill qabel li tinġieb kwotazzjoni.

42.7.7 Is-Sindku Darren Abela qal li jekk jibqgħu fis-seħħ l-attivitajiet, huwa se jkun qiegħed jibda d-diskussjonijiet dwar il-Karnival. Se jibda il-preparamenti għall-Carnival Run, l-Karnival tat-Tfal u l-Karnival Spontanju.

**42.8 Mistoqsijiet u Tweġibiet mill-Kunsilliera**

42.8.1 Il-Vici Sindku Christine Dalli ressqet proposta biex jitwaħħal bin fejn il-bus shelter fil-Bypass, kif toħroġ minn Vjal il-Labour. Il-Kunsill qabel.

42.8.2 Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li hemm bżonn li meta jinżabru s-siġar tal-Bypass ma jinżabrux ħafna li jiġu zokk biss.

42.8.3 Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li hemm bżonn issir tindifa tajba fi Triq il-Barklor.

42.8.4 Il-Kunsilliera Rose Agius staqsiet jekk kienx sar xi arranġament biex isiru l-bollards fil-Bypass. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-*agreement* dwar il-bollards qatt ma sar.

42.8.5 Il-Kunsilliera Rose Agius qalet li d-dawl ta' Ġnien Elfejn kien mitfi. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-kuntrattur ġie nfurmat dwarha u għandu jirranġa.

**42.9 Mozzjonijiet**

42.9.1 Annessi mal-Minuti

**42.10 Aġġornament tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

42.10.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għat-Tlieta 18 ta' Jannar 2022 fil-5.30pm u qabilha ssir il-Laqgħa Pubblika. Ftit ġranet qabel issir Laqgħa Straordinarja biex jiġi approvat l-Estimi Annwali.

Il-Laqgħa ntemmet fit-7.45pm

Fiona Cutajar
Segretarju Eżekuttiv

ikkonfermati
Darren Abela
Sindku

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 42**

**Mozzjoni Ref:** 42-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 40

| | |
|---|---|
| **Rose Agius**<br>**Proponent** | **Andreas Gatt**<br>**Sekondant** |

---

**Data:** 20 ta' Diċembru 2021

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 42**

**Mozzjoni Ref:** 42-02

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 41

| | |
|---|---|
| **Christine Dalli**<br>**Proponent** | **Rose Agius**<br>**Sekondant** |

---

**Data:** 20 ta' Diċembru 2021

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 42**

**Mozzjoni Ref: 42-03**

Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagamenti Nru 42(08)

**Rose Agius**
**Proponent**

**Andreas Gatt**
**Sekondant**

**Data:** 20 ta' Diċembru 2021

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 40**

**Mozzjoni Ref: 40-04**

Biex jiġi approvat r-Rapport tat-Tielet Kwart tas-sena Jannar sa Settembru 2021

| | |
|---|---|
| **Keith Fenech** | **Rose Agius** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

**Data:** 20 ta' Diċembru 2021

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**